CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 27

It- Tnejn, 5 ta' Lulju 2021

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

Camile Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.16pm.

**27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

27.1.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra email mingħand il-Kunsilliera C. Scerri fejn infurmatu li ma setatx tattendi minħabba li kienet indisposta. Il- Kunsill aċċetta it-talba tagħha.

**27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

27.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas- Sitta u Għoxrin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

27.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

27.3.1 Is- Sindku talab lis- SE biex ikellem lill-kuntrattur tal-ġonon biex jizbor is-siġar li hemm Triq l-Imhazen. Sadanittant is- Sindku infurma lill-Kunsill li kien hemm aċċident fl-istess triq fejn sigra b'mod naturali tqaċċtet u minnufih ittieħdu l-mizuri neċessarji biex jitneħħa l-periklu. Huwa qal li kien ta' għajb li ċertu kitbiet fuq is-social media mill-ewwel waslu għal konkluzjoni li kien qed isir sfreġju minn-naħa ta' l-awtoritajiet meta ma kienx l-kaz.

27.3.2 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li ser isir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-Horse Shelter u fl-istess waqt qed jagħmel pressjoni mad- Direttorat tar- Restawr biex jiġi installat l-arloġġ tad-dawl fl-istess shelter.

27.3.3 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li ser isir xogħol ta' ħasil tat-toroq ġewwa l-mdina

27.3.4 Is- Sindku qal li fir-rigward ix-xogħolijiet ta' pavimentar ġdid ġewwa L-Mdina minn-Infrastructure Malta skond informazzjoni li għandu jidher li l-Kunsill ser jingħata ġurnata ta' meta ser jibdew.

27.3.5 Is- Sindku talab lis- SE jikteb lid- Dipartiment ta' L-Artijiet fejn jinfurmhom li l-bibien ta' l-mħazen li jinsabu Triq L-Imħazen għandhom bzonn manutenzjoni.

26.3.6 Is- Sindku talab lis- SE jikteb lid- Dipartiment ta' L-Artijiet fejn jinfurmhom li gabbana li tinsab fi Gnien Howard qed tabbuza mill-limitu ta' siġġijiet u mwejjed allokati lilha mill-istess dipartiment.

**27.4 Laqgħa mal-Contracts Manager**

26.4.1 Is-Kunsill kellu laqgħa ma-Contracts Manager fejn ġie diskuss l-operat tiegħu u fl-istess ħin wieħed jara kif jista' jitjieb is-servizz fuq dak diġa ezistenti.

**27.5 Ħatra ta' Bord ta' Evalwazzjoni- MLC01/2001**

27.5.1 Inħatar Bord ta' Evalwazzjoni biex tiġi evalwata l-aħjar offerta għal Kuntratt ta' ġbir ta' l-iskart domestiku. Il-membri ser ikunu is- Sur Mark Mallia (Cermen) u s-Sinjuri Raphael Carabott, Peter Sant Manduca u Joseph Debono bħala evalwaturi.

**27.6 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

27.6.1 ERA-Is- SE infurma lill-Kunsill li GreenPak aċċettaw it-talba biex jiġu installati Ibins fi Triq L-Għarreqin.

27.6.2 Is- SE infurma lill-Kunsill li tħejja r-rapport ta' evalwazzjoni għat- Tender tal-Karozzi jaħdmu bl-elettriku għal Kunsilli tar- Rabat u Mdina. Fil-laqgħa li jmiss ser jiġi pprezentat dan ir-rapport għal approvazzjoni.

27.6.3 Creative Europe- Medieval Itinerary. Saret laqgħa virtwali mas- Sinjur Mocada mill-Belt ta' Ribadavia (Spagna) fuq il-possibilita li l-Kunsill ta' L- Mdina jipparteċipa f'din l-attivita' ma pajjizi oħra.

27.6.4 DLG- Cirkulari Numru SPI/APP/6/2020- Emendi fil-proċess għall-Amministrazzjoni ta' propjeta' Pubblika (devoluzzjoni).

27.6.5 Assoċċjazzoni tan-Naħħala ta' Malta- MOU. Il-Kunsill talab li ssir laqgħa ma' din l-għaqda.

27.6.6 AKL 2021/047 Kontroll tal-ħamiem selvaġġ fil-lokalitajiet- Il-Kunsill ser jattwa Bye- Law ġdida fuq dan is-suġġett.

27.6.7 Compagnia San Michele- Mdina Evening Tours. Il-Kunsill approva li bi sħab ma' din l-għaqda jigu organizzati zewġ attivitajiet b'temi marbuta ma' l- istorja ta' l-Mdina.

**27.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

27.7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-iskedi ta' ħlasijiet li jġibu id-dati tal- 5 ta' Lulju 2021 (mehmuż) li jammonta għas-somma ta' € 27,075.15

27.7.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskedi ta' ħlasijet ser jiġu iffirmati miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**27.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

27.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-17.08pm u ġiet aġġornata għal 9 ta' Awwissu 2021 fit-9am

IFFIRMATA
____________________
Peter Sant Manduca
Sindku

IFFIRMATA
____________________
Mark Mallia
Segretarju Eżekuttiv

Data: 09-08-2021_______